MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 64/2003

***Agostino Azzopardi & Sons Limited***

***vs***

***Ryan Farrugia***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm726.78) rappresentanti bilanc ta' prezz ta' diversi prodotti u oggetti ohra mixtrija dovuta mill-konvenut lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-28 ta' Awissu 2002 u bl-

imghax mid-data ta' l-ahhar konsenja sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Karl Briffa ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm726.78), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-28 ta' Awissu 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------